MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 961/2002

**Public Broadcasting Services Limited**

**Vs**

**Awtorita' tax-Xandir**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Billi s-socjeta' Public Broadcasting Services Limited hija responsabbli ghax-xandir fuq l-istazzjon tat-televizjoni TVM.

Billi fl-20 ta’ Gunju 2002 il-konsulent legali tas-socjeta’ attrici baghat ittra lill-Awtorita’ tax-Xandir fejn qal li s-socjeta’ attrici sejra tikkontesta d-decizjoni ta’ l-Awtorita’ moghtija fis-6 ta’ Gunju 2002 dwar l-ispots tal-Partit Laburista, bil-mezzi kontemplati fil-Ligi, u li PBS Ltd thoss ii ma ghandha taghmel xejn li jkun ta’ pregudizzju ghaliha f’dan l-istadju.

Billi c-Chief Executive ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir baghat twegiba lill-konsulent legali tas-socjeta’ attrici fejn qal li PBS Ltd ma kienet bl-ebda mod gustifikata Ii ma tobdix direttiva ta’ l-Awtorita’.

Billi fil-21 ta’ Gunju 2002, is-socjeta’ attrici Public Broadcasting Services Limited ipprezentat kawza ghal stharrig gudizzjarju u biha talbet iill-Qorti tiddikjara ‘inter alia’ l-imsemmija decizjoni nulla, invalida u minghajr effett (Citazzjoni Numru 711/02 JRM) u nfurmat lill-Awtorita’ tax-Xandir bil-miktub illi kienet giet ipprezentata l-imsemmija kawza.

Billi fis-26 ta’ Gunju 2002 l-Awtorita’ tax-Xandir harget stqarrija ghall-istampa fejn qalet li hija ddecidiet illi c-Chief Executive ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir ghandu johrog akkuza fil-konfront ta’ PBS Limited halli l-istazzjon iwiegeb ghall-ksur ta’ direttiva ta’ l-Awtorita’, u difatti c-Chief Executive ta’ l-Awtorita’ baghat ittra liec-Chief Executive tas-socjeta’ attrici dwar akkuza fir-rigward ta’ TVM.

Billi fis-27 ta’ Gunju 2002 kien hemm korrispondenza ohra bejn PBS Ltd u l-Awtorita’ fejn is-socjeta’ attrici baqghet tinsisti ii ma riedet taghmel xejn Ii seta’ jippregudika l-kawza Citazzjoni Nru 711/02 pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Civili Prim’Awla.

Billi fid-29 ta’ Gunju 2002 ic-Chairman tas-socjeta’ Public Broadcasting Services Limited, Anthony J. Tabone, u c-Chief Executive Andrew Psaila, attendew ghas-seduta fl-ufficcju ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir kif ordnat mill-istess Awtorita’ u nfurmawha: (a) illi PBS Limited kienet qed tikkontesta d-direttiva ta’ l-Awtorita’ permezz ta’ kawza Ii hija pprezentat fil-Prim’Awla talQorti Civili kontra l-

Awtorita'; (b) illi l-agir ta' PBS Ltd ma kellux jitqies bhala nuqqas ta' rispett lejn l-Awtorita' tax-Xandir; u (c) illi, sabiex ma tigix ippregudikata l-kawza, huma ma xtaqux jirrispondu ghall-akkuza mahruga mic-Chief Executive ta' l-Awtorita' kontra PBS Ltd.

Billi fid-29 ta' Gunju 2002 l-Awtorita' tax-Xandir sabet lill-kumpanija PBS Ltd hatja ta' l-akkuza migjuba kontra taghha u imponiet penali fuq PBS Ltd fl-ammont ta' tlett elef lira (Lm3,000) pagabbli fi zmien sitt gimghat minn dakinhar. Fl-imsemmija decizjoni l-Awtorita' tax-Xandir ziedet tghid illi l-istazzjon jibqa' obbiigat ii josserva d-direttiva ta' l-Awtorita' moghtija fis-6 ta' Gunju 2002 u li l-Awtorita' tirriserva d-dritt ii tagixxi ulterjorment kontra PBS Ltd f'kaz ta' non-osservanza kontinwata bl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet ohra fit-terminu ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir, inkluz dawk ii c-Chief Executive ta' l-Awtorita' johrog akkuzi ohra u li tordna l-waqfien ta' trasmissjoni ta' l-istazzjon TVM ghal xi zmien.

Billi l-Awtorita' tax-Xandir ma hadet l-ebda mizuri jew sanzjonijiet ohra fil-konfront ta' PBS Limited mid-29 ta' Gunju 2002 sallum.

Billi d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' tax-Xandir fid-29 ta' Gunju 2002 tilledi serjament id-drittijiet tas-socjeta' attrici.

Billi, ukoll wara li PBS Ltd infurmat lill-Awtorita' tax-Xandir illi l-kaz kien gie mressaq quddiem il-Qorti kompetenti u illi PBS Ltd ma riedet taghmei xejn li jippregudika l-kaz ii hemm 'sub judice', l-Awtorita' tax-Xandir xorta wahda harget avviz ta' akkuza kontra PBS Ltd u baqghet miexja inezorabilment bil-proceduri dwar offiza amministrattiva li wasslu biex tigi mposta penali ta' Lm3,000 fuq PBS Ltd.

Biili inoltre, l-artikolu 41 tal-Kapitolu *350* dwar ix-Xandir jipprovdi:

*"(3) L-Awtorita' ghandha tosserva l-garanzija ta' smiegh xieraq u fil-pubbliku meta hija tiddeciedi jekk persuna hiex hatja ta' offiza amministrattiva skond dan l-artikolu."*

Billi meta l-Awtorita' tezercita din il-funzjoni li tiddeciedi jekk persuna hiex hatja ta' offiza amministrattiva fit-termini ta' l-artikolu 41(3) tal-Kapitolu *350* fil-harsien tal-garanzija ta' *smiegh xieraq* u fil-pubbliku, hija ghandha funzjoni kwazi-gudizzjarja.

Billi, kif jirrizulta mill-istqarrija ghall-istampa mahruga fis-26 ta' Gunju 2002, kienet l-Awtorita' tax-Xandir stess li ddecidiet illi c-Chief Executive ta' l-Awtorita' tax-Xandir johrog akkuza fil-konfront ta' PBS Limited halli l-istazzjon iwiegeb ghall-ksur ta' direttiva ta' l-Awtorita'.

Billi (a) id-decizjoni ii tinhareg akkuza dwar sejbien ta' htija ta' offiza amministrattiva u (b) id-decizjoni dwar jekk persuna hiex hatja ta' dik l-offiza amministrattiva ii ghandha tittiehed fil-harsien tal-garanzija ta' *smiegh xieraq* u fil-pubbliku, huma inkompatibbli u ghalhekk m'ghandhomx jittiehdu mill-istess persuna jew entita'.

Billi meta fis-26 ta' Gunju 2002 l-Awtorita' ddecidiet ii tinhareg akkuza kontra PBS Ltd, hija kienet fir-realta' qed taghmel *"an appraisal of guilt"* u qed thoss li hemm kaz 'prima facie' fil-konfront ta' PBS Ltd, u ghalhekk ma setghetx, fit-tieni stadju, tiddeciedi hija stess dwar il-htija o meno ta' PBS Ltd b'indipendenza u imparzjalita', li huma z-zewg pilastri ta' *smiegh xieraq.* Ghalhekk, huwa ovvju li l-funzjoni kwazi-gudizzjarja fll-harsien tal-garanzija ta' smiegh xieraq kellha tigi delegata lil Bord awtonomu li jkollu ndipendenza u mparzjalita', u li ma jkunx l-istess persuna jew persuni ii taw bidu ghallproceduri dwar sejbien ta' htija ta' offiza amministrattiva.

Tghid l-Awtorita' konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-Awtorita' konvenuta vvjolat il-provvedimenti ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 ta' 1-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 fil-konfront tas-socjeta' attrici ghar-ragunijiet fuq imflssra u senjatament l-inkompatibilita' bejn id-decizjoni ii tinhareg akkuza dwar sejbien ta' htija ta' offiza amministrattiva u decizjoni ii kellha tittiehed fil-harsien tal-garanzija ta'

*smiegh xieraq* (i.e. b’indipendenza u imparzjalita’) u fil-pubbliku dwar jekk persuna hiex hatja ta’ dik l-offiza amministrattiva.

2. Tiddikjara illi l-funzjonijiet moghtija lill-Awtorita’ konvenuta bis-subinciz tlieta (3) u bis-subinciz hamsa *(5)* ta’ l-artikolu 41 tal-Kapitolu 350. huma nkompatibbli ma’ xulxin in kwantu l-persuna jew entita’ li taghti bidu ghal proceduri dwar offIza amministrattiva ma tistax imbaghad tiddeciedi hi dwar il-htija o meno fl-osservanza tal-garanzija ta’ *smiegh xieraq* u fIl-pubbliku, u konsegwentement issib illi dan huwa antikostituzzjonali u ghalhekk tiddikjara dik il-parti ta’ l-artikolu 41 tal-Kapitolu 350 nulla u bla effett.

3. Tiddikjara illi l-Awtorita’ konvenuta bid-decizjoni taghha tas-26 ta’ Gunju 2002 dwar il-hrug ta’ akkuza dwar offIza amministrattiva u bl-agir taghha bejn dak inhar u d-29 ta’ Gunju 2002 u cioe’ meta sabet lii PBS Ltd hatja ta’ offiza amministrattiva u mponiet il-hlas ta’ penali ta’ Lm3,000, naqset Ii tosserva d-dritt statutorju tas-socjeta’ Public Broadcasting Services Limited li tirrikorri ghal stharrig gudizzjarju tal-ghemil ta’ l-Awtorita’ ai termini ta’ l-artikolu 41 tal-Kapitolu 350 u b’hekk ivvjolat id-drittijiet tas-socjeta’ attrici li jkollha l-kaz taghha deciz mill-Qorti kompetenti fl-ezercizzju tad-dritt taghha ghal stharrig gudizzjarju ta’ l-ghemil ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir u senjatament tad-decizjoni moghtija minnha precedentement, mertu tal-kawza Citazzjoni Numru 711/02.

4. Tiddikjara nulla, invalida u minghajr ebda effett id-decizjoni moghtija mill-Awtorita’ tax-Xandir fid-29 ta’ Gunju 2002 fl-intier taghha, hi biha sabet lil PBS Ltd hatja ta’ offiza amministrattiva u mponiet penali ta’ tlett elef lira (Lm3,000) b’dan illi l-istazzjon jibqa’ obbligat ii josserva d-direttiva ta’ l-Awtorita’ moghtija fis-6 ta’ Gunju 2002 u li l-Awtorita’ tirriserva d-dritt ii tagixxi ulterjorment kontra PBS Ltd f’kaz ta’ non-osservanza kontinwata bl-applikazzjoni ta’ sanzjonijiet ohra fit-terminu ta’ l-artikolu 41 ta’ l-Att dwar ix-Xandir, inkluz dawk li c-Chief Executive ta’ l-

Awtorita’ johrog akkuzi ohra u li tordna l-waqflen ta’ trasmissjoni ta’ l-istazzjon TVM ghal xi zmien.

*5.* Thassar u tannulla wkoll id-decizjoni ta’ l-Awtorita’ mehuda fis-26 ta’ Gunju 2002 li tinhareg akkuza ta’ offIza amministrattiva flr-rigward ta’ PBS Ltd, kif ukoll il-proceduri li saru in segwitu ghal din id-decizjoni.

6. Tordna lill-Awtorita’ tax-Xandir tirrifondi lis-socjeta’ Public Broadcasting Services Limited is-somma ta’ tlett elef lira (Lm3,000).

7. Tordna lill-Awtorita’ tax-Xandir biex tiddezisti milli tiehu passi ohra fil-konfront ta’ PBS Ltd in konnessjoni ma’ dan il-kaz.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri privati msemmija fid-dikjarazzjoni tal-fatti, kontra l-Awtorita’ konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni. Bl-imghax mit-23 ta’ Awissu 2002 sad-data tar-rifuzjoni u b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra spettanti lis-socjeta’ attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-Nota tal-**eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir** a fol. 17 tal-process fejn eccepiet :

1. Il-kawza hija ntavolata hazin peress li din l-Onorábbli Qorti mhix kompetenti biex tisma’ lanjanzi ta’ natura kostituzzjonali u dwar il-Kovenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sakemm tali procedura ma ssirx b’rikors quddiem din l-istess Qorti sede kostituzzjonali u dan skond is-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, l-artikolu 4 tal-Kap 319 u r-regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qorti (Avviz Legali 35 ta’ 1-1993). Dan peress li l-artikolu 469A(1) tal-Kap. 12 jaghmilha cara li l-azzjoni ghal stharrig gudizzjarju tista’ ssir taht dak l-artikolu “hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi” u l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319 jipprovdu mod iehor u, ghalhekk ghandha tigi segwita’ l-procedura stabbilita f’dawn iz-zewg ligijiet. Essenzjalment, allegazzjoni dwar nuqqas ta’ ghoti ta

smigh xieraq hija kwistjoni purament ta' natura kostituzzjonali.

2. Peress illi l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx fil-kaz ta' *judicial review of administrative action* in kwantu dawn jittrattaw dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem, jekk is-socjetâ attrici trid tipprocedi skond il-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 hija ghandha taghmel dan skond il-procedura elenkata fil-ligijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ta' din in-nota ta' eccezzjonijiet. Terga' dawn il-ligijiet mhumiex applikabbli ghall-proceduri ta' *judicial review* in kwantu l-proceduri quddiem l-Awtorità tax-Xandir huma ta' natura amministrattiva li la jinvolvu "the determination of civil rights and obligations" u lanqas m'huma ta' natura penali.

3. Illi c-citazzjoni tinkludi kemm talbiet ghal rimedju dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali taht l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u taht lartikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll talbiet ghal rimedji ordinarji bazati fuq l-artikolu 41 tal-Kapitolu 350 tal-Ligijiet ta' Malta. Skond gurisprudenza tal-qrati nostrani mhux permessibbli li ssir azzjoni mista kostituzzjonali-ordinarja kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Karmenu Mifsud Bonnici proprio et nomine vs Anthony Tabone nomine et" tal-24 ta' Settembru 2002 (citazz numru 296/O2TM) u ghalhekk din il-kawza trid tigi proposta fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali fejn jidhlu kwistjonijiet dwar l-allegat ksur tad-dritt ghal smigh xieraq.

4. Mhux minnu li l-istazzjon ma nghatax smigh xieraq. L-istazzjon inghata kull opportunità li jaghmel il-kaz tieghu.

5. L-Awtorità qatt ma agixxiet ta' prosekutur u ta' gudikant fl-istess hin peress li hawn si tratta ta' proceduri amministrattivi u mhux ta' prodeduri penali u li, f'kull kaz, il-proceduri tmexxew mic-Chief Executive ta' l-Awtorità kontra l-istazzjon PBS Ltd.

6. L-Awtorità, qabel ma hadet id-decizjoni taghha, semghet kemm l-Chief Executive taghha stess li ressaq il-kaz quddiemha kif ukoll is-sottomissjonijiet ta’ PBS Ltd. Is-Sur Anthony Tabone, Chairman ta’ PBS Ltd., u s-Sur Andrew Psaila, Chief Executive ta’ PBS Ltd., attendew ghas-seduta ta’ l-Awtoritá fejn gie diskuss il-kaz u nghataw ukoll kull opportunità li jressqu l-kaz f’isem l-istazzjon kif ukoll il-provi kollha li deherilhom opportun fid-cirkostanzi.

7. Iiii d-decizjoni ta’ l-Awtorità hija wahda proporzjonata u fil-parametri tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Is-socjeta’ attrici rrinunzjat ghat-talba numru 7 billi m’ghadx hemm lok ghaliha (ara nota a fol 92 l-ahhar paragrafu).

F’dina l-kawza s-socjeta’ attrici qed titlob dikjarazzjoni minn dina l-Qorti li d-decizjoni ta’ l-Awtorita’ konvenuta tad-29 ta’ Gunju 2002 hija nulla u minghar effett legali billi tilledi d-drittijiet taghha fosthom dak ghal smiegh xieraq.

L-Awtorita’ konvenuta pprezentat diversi eccezzjonijiet li jolqtu l-kompetenza ta’ dina l-Qorti u n-nuqqas ta’ smiegh xieraq allegat mis-socjeta’ attrici.

**KONTESTAZZJONI**

**Dwar il-kompetenza tal-Qorti,** l-atturi qed jissottomettu li fic-citazzjoni huma qed jitolbu li l-Qorti taghmel stharrig gudizzjarju tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita’ konvenuta. Izda fl-istess hin qed jitolbu wkoll rimedju iehor kostituzzjonali li bilfors kellu jkun wiehed li jista’ jirrizulta wkoll tramite proceduri ta’ natura kostituzzjonali (ara fol 89

l-ahhar paragrafu). Is-socjeta’ attrici tirritjeni li s-subinciz (a) ta’ l-inciz (1) ta’ l-Artikolu 469(A) jistabilixxi li l-qrati ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni ghalhekk dina l-Qorti hija kompetenti li tisma dina l-kawza.

**Dwar il-kwistjoni tan-nuqqas ta’ smiegh xieraq** l-atturi qed jissottomettu li d-decizjoni imsemmija moghtija mill-Awtorita’ konvenuta ghandha tigi dikjarata nulla, invalida u minghajr ebda effett minhabba nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita, wiehed mill-elementi ta’ smiegh xieraq.

Huma jikkontendu li l-istqarrija li l-Awtorita’ konvenuta li harget fis-26 ta’ Gunju 2002 hija raguni bizzejjed ghaliex l-Awtorita’ ma setghetx eventwalment toffri garanziji li bihom jigi mwarrab kull dubbju legittimu fir-rigward ta’ l-indipendenza u l-imparzjalita’ taghha. L-Awtorita’ ma kellhiex is-setgha li tiddeciedi li c-Chief Executive johrog akkuzi kontra xandar jew iehor. L-Awtorita’ ma setghetx toffri garanziji ta’ mparzjalita’ u indipendenza meta hi stess hadet ‘*the decision to prosecute*.’ Dan jirrizulta mill-minuti ta’l-Awtorita’ u mill-istqarrija ghall-istampa fejn l-Awtorita’ iddecidiet li c-Chief Executive ghandu johrog akkuza kontra PBS Ltd. L-Awtorita’ ddecidiet hija stess fuq l-akkuza kontra PBS u b’hekk ivvjolat il-principju ta’ *‘nemo judex in causa propria’* ghaliex bid-decizjoni *to prosecute* kienet diga ghamlet ‘an appraisal of guilt’ fil-konfront tas-socjeta attrici.

Is-socjeta’ attrici kellha kull dritt tadixxi lill Qorti biex tikkontesta d-decizjoni ta’ l-Awtorita’ tas-6 ta’ Gunju 2002 u la darba l-kwistjoni kienet *sub judice* l-Awtorita’ ma setghetx tikkastiga lis-socejta’ attrici. Ghall-kuntrarju l-Awtorita’ harget avviz ta’ akkuza kontra PBS Ltd meta l-kaz kien *sub judice* u kompliet miexja bil-proceduri li wasslu biex tigi imposta penali ta’ Lm3,000.

Minn naha l-ohra l-Awtorita’ konvenuta qed tirritjeni li dina l-kawza ghandha tigi limitata ghar-rimedju ordinarju u mhux dak straordinarju.

Huma ssottomettew li dak li qed tippretendi s-socjeta’ attrici huwa li hi tipprocedi kontra l-konvenuti billi tezercita azzjoni mista:  cjoe li tezercita r-rimedju ordinarju u dak kostituzzjonali fl-istess citazzjoni. Huma ghamlu riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet Dr. K. Mifsud Bonnici et  vs A. Tabone noe et deciza fl-24 ta’ Settembru 2002 PA.TM. fejn dika l-Qorti rrestringiet il-kawza ghar-rimedju ordinarju u eskludiet dak straordinarju billi ddecidiet li r-rimedju straordinarju jista’ jintalab meta jigi ezawriet ir-rimedjiu ordinarju, cjoe meta jigi muri li wiehed m’ghandux rimedju ordinarju jew li dan ir-rimedju mhux rimedju effettiv (ara wkoll kawzi Kost. Al Sakalli vs Prim Ministru et 7/4/2000; Gaffarena vs Kumm tal-Pulizija 29/10/1993 u Mckay vs Kum tal-Pul PA 27/7/1995). Ghalhekk bl-applikazzjoni ta’ dawn is-sentenzi l-konvenuti jsostnu li dina l-Qorti ghandha tirristringi dina l-kawza ghal stharrig gudizzjarju ta’  l-operat ta’ l-Awtorita’ tax’ Xandir a tenur ta’ l-artikolu 469A tal-Kap 12 biss.

**Fil-mertu** l-Awtorita’ konvenuta ssottomettiet li t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda billi kull ma ghamlet l-Awtorita’ kien li ddirigiet lic-Chief  Executive taghha biex jikkunsidra l-hrug ta’ akkuza formali kontra l-istazzjon TVM talli dana naqas li jobdi d-direttivi ta’ l-Awtorita’.  Fl-ebda stadju l-Awtorita’ ma tat ordni lill Kap Esekuttiv biex johrog l-akkuza jew esprimiet ruhha dwar htija jew le.   Dan johrog car mill-minuti.  Il-kumpanija attrici qed tipprova tibbaza l-kawza taghha fuq il-kliem li ntuza fl-istqarrija numru 47/02 li izda ma kinitx qed tirrapporta fedelment id-decizjoni ta’ l-Awtorita’. L-ahjar prova hija fil-minuti ta’ l-Awtorita’  li turi x’kienet id-decizjoni ta’ l-Awtorita’ tax-Xandir u mhux fl-istqarrija li hareg il-Kap Esekuttiv. B’hekk il-konvenuti jsostnu li l-Awtorita’ qatt ma ppronuzjat ruhha dwar il-htija o meno ta’ l-istazzjoni qabel ma nharget l-akkuza.  Kull ma ghamlet kien li semghet rapprezentant tal-Partit Laburista dwar il-fatt li l-PBS naqas li jaghti rimedju lilu skond id-decizjoni ta’ l-Awtorita’.

Il-konvenuti inoltre ssottomettew li huma qatt ma cahhdu lis-socjeta’ attrici milli tikkontesta d-decizjoni ta’ l-Awtorita’

dwar it-trasmissjoni ta’ l-ispots ta’ l-MLP fuq TVM. Fil-fatt is-socejta’ attrici kkontestat bla success darbtejn dina d-decizoni fil-Qorti. Inoltre l-Awtorita’ konvenuta rrilevat li s-socjeta’ attrici ma kinitx hadet passi biex twaqqaf lill Awtorita’ milli tisma’ l-akkuza tal-Kap Esekuttiv pendenti s-smiegh tac-citazzjoni 711/02JRM.

## KONSIDERAZZJONIJIET

### Kompetenza ta’ dina l-Qorti

Minn nota ta’ sottomissjonijiet u trattazzjoni tas-socjeta’ attrici u minn ezami tat-talbiet fic-citazzjoni jirrizulta car li hi qed tagixxi b’azzjoni mista cjoe qed titlob rimedju ordinarju (stharrig gudizzjarju tad-decizjoni mehuda mill-Awtorita’ konvenuta) u rimedju straordinarju, dak kostituzzjonali, (biex l-Qorti tiddikjara li l-Awtorita’ konvenuta ivvjolat il-provvedimenti ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 ta’ l-ewwwel skeda tal-Kap 319) fl-istess citazzjoni.

Is-socjeta’ attrici tirritjeni li dan jista’ jsir billi s-subinciz (a) ta’ l-inciz (1) ta’ l-Artikolu 469(A) jistabilixxi li l-qrati ta’ kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta’ xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett **meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni.**

Dan il-punt kien gie ezaminat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija deciza fit-2 ta’ Novembru 2001 fejn il-Qorti, ghal dak li jirrigwarda dan l-apparenti konflitt bejn il-kompetenza civili u l-kompetenza kostituzzjonali, qalet hekk:

Illi l-gurisprudenza ttantat tidentifika l-limiti tas-subinciz (1)(a) ta’ l-artikolu 469A fi sforz biex ticcara sa fejn din id-disposizzjoni setghet tkun in kontrast jew anke in konflitt mal-gurisdizzjoni originali moghtija mill-istess Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fir-rigward ta’ rikors ta’ kull persuna li tallega li xi wahda mid-

disposizzjonijiet ta' l-artikoli 34 sa 45 maghdudin ta' l-istess Kostituzzjoni tkun giet jew tkun ser tigi miksura.

Illi l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili kellhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku. Ir-rimedju taht l-artikolu 469A taht certu aspetti kien wiehed limitat waqt li l-Qorti Kostituzzjonali ma kellha ebda limitu fl-ghazla tar-rimedju xieraq li setghet takkorda.

L-eghmil amministrattiv jista' jikser il-Kostituzzjoni fir-rigward ta' hafna jeddijiet tutelati fiha li ma humiex dawk protettivi tal-jeddijiet fondamentali. F'dawn il-kazijiet kollha, is-subinciz (1)(a) taht ezami isib applikazzjoni mmedjata. Fejn mill-banda l-ohra l-agir amministrattiv ikun allegatament leziv tal-jeddijiet fondamentali, d-domanda kellha tkun jekk l-allegata vjolazzjoni kenitx jew le koperta taht il-ligi ordinarja. Indubbjament infatti bhala regola, kull attivita' u azzjoni ta' l-individwu huma bhala regola gvernati mil-ligijiet ordinarji anke fejn dawn jilledu l-jeddijiet fondamentali. Fejn dawn il-ligijiet jaghtu rimedju ghal-lezjoni – u fost dawn il-ligijiet kellu jitqies l-artikolu 469A tal-Kap 12 – individwu kellu l-ewwel jirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma jirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Kien ukoll principju ta' dritt illi l-Qrati kollha kellhom jassiguraw l-osservanza tal-Kostituzzjoni u kellhom japplikaw il-ligijiet ordinarji fid-dawl tad-disposizzjonijiet taghha. Kif l-istess kellhom l-obbligu illi japplikaw dan il-principju fir-rigward tal-Konvenzjoni Ewropeja li hi parti mid-dritt ordinarju tal-pajjiz.

Ghalhekk il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f'tentattiv biex tirrikoncilja dan l-inciz (1)(a) ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12 u ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni fejn si tratta ta' lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali, jidher li tiffavorixxi interpretazzjoni bazata fuq l-effettivita' tar-rimedju fis-sens illi rikors kostituzzjonali kellu jkun accessibbli f'dawk il-kazijiet fejn ir-rimedju effettiv ghal-lezjoni subita ma setax

jinghata taht l-artikolu 469A. Interpretazzjoni din mhux ghal kollox linejari u ma kenitx nieqsa minn diffikolta' interpretattiva.

It-tifsira hi li l-Qorti fil-kompetenza civili ghandha gurisdizzjoni hlief fejn il-ligi tnehhilha dik il-gurisdizzjoni u r-regola tibqa' li fejn jista' jinghata rimedju tajjeb u bizzejjed mill-Qorti fil-kompetenza civili mela ma hemmx ghalfejn isiru proceduri straordinarji. Dan naturalment salv dejjem il-principju illi r-rimedju mill-Qorti fil-kompetenza civili kellu jinghata biss bl-applikazzjoni tal-ligi u tar-regoli ta' dritt applikabbli fil-kamp tad-dritt civili.

Fejn is-socjeta' attrici qed titlob (ara l-ewwel talba fic-citazzjoni) dikjarazzjoni mill-Qorti li gie vjolat l-provvediment ta' l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art 6 tal-Kap 319 u dana billi d-decizjoni tal-Awtorita' konvenuta ittiehdet minghajr harsien tal-garanzija ta' smiegh xieraq, hawn is-socjeta' attrici qed tippretendi li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghha, ghalhekk dan ir-rimedju kostituzzjonali li qed titlob hu accessibbili ghaliha biss jekk turi li rimedju effettiv ma jistax jinghata taht il-ligi oridinarju u f'dan il-kaz l-artikolu 469A tal-Kap 12 u l-Broadcasting Act.

L-artikolu 469 A tal-Kap 12 fost affarijiet ohra jipprovvdi li l-Qrati ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kaz fejn l-awtorita' pubblika tkun naqset milli tosserva l-principju tal-gustizzja naturali – bhal *audi alteram partem* u *nemo iudex in causa propria*. Imbaghad bl-artikolu 41(3) tal-Broadcasting Act (Kap 350) il-legislatur ried li l-garanzija ta' smiegh xieraq tapplika ukoll ghal process dwar offiza amministrattiva taht dak l-att. Fil-fatt dan l-artikolu jipprovvdi li:

*"The Authority shall observe the guarantees of fair and public hearing in its determination as to whether a person is guilty of an administrative offence in terms of this article".*

Illi ghalhekk billi l-ligi ordinarja taghti rimedju ghal-lezjoni allegata mis-socjeta' attrici dwar smiegh xieraq hi kellha l-ewwel tirrikorri ghar-rimedju ordinarju quddiem it-tribunali ordinarji qabel ma tirrikorri finalment ghar-rimedju straordinarju Kostituzzjonali u ma setghax timxi biz-zewg rimedji fl-istess citazzjoni ghax kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Ciantar fuq riferit il-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili ghandhom jibqghu separati u distinti ghaliex dawn huma regolati bi proceduri appositi b'finalita' ta' rimedju mhux dejjem identiku.

In vista ta' dina l-konkluzzjoni u biex l-atti jigu salvati dina l-Qorti hi tal-fehma li ghandha ssegwi l-prattika ta' din l-Qorti u tirristringi dina l-kawza ghal stharrig gudizzjarju ta' l-operat ta' l-Awtorita' tax-Xandir a tenur ta' l-artikolu 469(A) tal-Kap 12.

**Nuqqas ta' smiegh xieraq**

Kontestazzjoni tar-rimedju moghti mill-Awtorita'

Is-socjeta' attrici kienet irriteniet li hija kellha kull dritt tadixxi lill Qorti biex tikkontesta d-decizjoni ta' l-Awtorita' tas-6 ta' Gunju 2002 u la darba il-kwistjoni kienet *sub judice* l-Awtorita' ma setghetx tikkastiga lis-socejta' attrici u tkompli miexja bil-proceduri li wasslu biex tigi imposta penali ta' Lm3,000.

Bhala fatti jirrizulta mill-provi li kienet inharget akkuza (ara fol 63) li biha ic-Chief Executive ta' l-Awtorita' akkuza lis-socjeta' attrici bi ksur ta' l-Art 15 ta' Att dwar ix-Xandir Kap 350 u nformaha li jekk taghzel li tikkontesta l-akkuza hija kienet mitluba li tattendi ghas-seduta ta' l-Awtorita' fid-29 ta' Gunju 2002. Is-socjeta' attrici kienet wiegbet fis-27 ta' Gunju 2002 fejn rega irreferit ghal kawza li kienet ipprezentat il-Qorti dwar l-ispots tal-Partit Laburista u sostniet li l-kwistjoni kellha tithalla ghad-decizjoni tal-Qorti (ara fol 66). Ic-Chief Executive wiegeb fis-27 ta' Gunju 2002 fejn qal (ara fol 68) li s-seduta kienet ser tinzamm biex tinghata lis-socjeta attrici l-opportunita li tipprezenta d-difiza taghha ghall akkuza migjuba kontra taghha u fin-nuqqas l-Awtorita' kienet se tipprocedi skond il-Ligi. Fil-fatt

is-socjeta’ attrici kienet attendiet ghall-laqgha u ghamlet id-difiza u sottomissjonjiet taghha. Wara inghatat id-decizjoni ta’ l-Awtorita’ u l-kawza nstemghet mill-Qorti u eventwalment giet deciza kontra s-socjeta’ attrici.

Meta l-Awtorita’ tat id-decizoni taghha u pprovvdiet rimedju taht il-Kap 350 hija kienet qed tagixxi fil-funzjoni kostituzzjonali taghha. Id-decizjoni taghha hija finali [ara Art 41(6) u wkoll dak li ddecidiet l-Awtorita’ fis-26 ta’ Gunju 2002 a fol 62 u 63 tal-process]. u kellha tigi attwata mmedjatament ghalkemm dik id-decizjoni tkun tista tigi sindakata permezz ta’ stharrig gudizzjarju kif sar f’dan il-kaz. Is-socjeta’ attrici kienet ikkontestat fil-Qorti r-rimedju moghti mill-Awtorita’ tlett darbiet u dan ir-rimedju gie konfermat mill-Qorti tlett darbiet. Jigi rilevat ukoll li s-socjeta’ attrici fl-ebda stadju ma pprovat twaqqaf lill Awtorita’ konvenuta mill izomm is-seduta permezz ta’ proceduri kawtelatorji gudizzjarji izda ghazlet li ma tobdix id-direttiva ta’ l-Awtorita’ moghtija skond il-ligi u minflok tadixxi l-Qorti.

Illi dwar dina l-kwistjoni s-socjeta’ attrici fit-trattazzjoni taghha sostniet li illum il-kwisjtoni ta’ l-ispot hija materja li giet sorvolata u l-kwistjoni li trid tigi deciza hija jekk is-salvagward tal-*fair hearing* f’dan il-kaz giex osservat jew le.

**Nuqqas ta’ smiegh xieraq**

Is-socjeta’ attrici qed tikkontendi li d-decizjoni tas 26 ta’ Gunju 2002 fejn l-Awtorita’ sabitha hatja u kkundannatha Lm 3000 kienet invalida bilii l-Awtorita konvenuta kellha konflitt ta’ interess fis-sens li l-Awtorita’ ma setghetx toffri garanzija ta’ indipendenza u imparzjalita’ (wiehed mill-elementi ta’ smiegh xieraq) meta kienet hija stess li fformluat l-akkuza, ddecidiet li tipprocedi kontra x-xandar, imbaghad qatghet il-kaz hija stess. Dan jirrizulta mill-minuti ta’ l-Awtorita u mill-istqarrija ghall-istampa.

L-Awtorita konvenuta invece tirritjeni li hi ma kienet ghamlet ebda *appraisal of guilt* imma kienet idderigiet lic-

Chief Executive taghha biex jipprocedi skond l-Att dwar ix-Xandir.

L-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir jitkellem dwar l-Awtorita' li ghandha tiggudika l-ilmenti u li meta l-Awtorità hi tal-fehma li persuna kkommettiet offiza kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att imsemmija fl-Ewwel Kolonna tal-Hames Skeda ma' l-Att, l-Awtorità tista' timponi x'certi pieni .

L-Avviz Legali 162/2000, ir-Regolament dwar Procedura Specjali Amministrattiva: Regolament 2 jghid li :

3.(1) Ic-Chief Exevutive ghandu jaghti avviz ta' akkuza lil xandar.

…….
…….

(4) Wara li l-Awtorita' tkun semghet it-trattazzjoni orali tac-Chief Executive u tax-xandar, ic-Chief Executive u x-xandar ghandhom jirtiraw mis-seduta ta' l-Awtorita' meta l-Awtorita' tkun ser tghaddi biex tiddiskuti u tiddeciedi l-akkuza.

Ic-Chief Executive ta' l-Awtorita' konvenuta mal-affidavit tieghu ezebixxa l-minuti tal-laqgha tas-26 ta' Gunju 2002 minn fejn jirrizulta dan li f'dik is-seduta kienet:

3:05 Saret diskuzzjoni dwar in-nuqqas ta' osservanza tad-direttiva ta' l-Awtorita' minn naha tal-PBS u tal-mizuri li ghandha tiehu l-Awtorita' fil-konfront ta' dan in-nuqqas.

3:06 Ic-Chief Executive ccirkola kopja tac-citazzoni li giet prezentata fil-Prim Awla fil 21 ta' Gunju 2002 kontra l-Awtorita tax-Xandir mill-PBS.

3:06 Laqgha mas-Segretarju Generali tal-Partit Labrurista s-Sur Jimmy Magro.

3:09 Aktar kmieni fil-laqgha giet cirkolata wkoll ittra datata 24 ta' Gunju 2002 mis-Sur Jimmy Magro li fiha sejjah id-decizjoni tal-PBS li twaqqaf milli xxandar l-ispots tal-Partit Laburista bhala agir abbuziv, irresponsabbili u arroganti etc… (ara fol 57 a tergo ).

3:10 Fil-laqgha ma' l-Awtorita' s-Sur Magro sostna l-gravita' tas-sitwazzjoni, qal li l-PBS kienet qed isservi ta' ezempju hazin ghall-istazzjonijiet ohra u heggeg l-Awtorita' tiehu mizuri mmedjati.

3:11 Wara aktar kkonsiderazzjoni tal-kaz ta' nuqqas ta' osservanza tad-direttiva ta' l-Awtorita' minn-naha tal-PBS, l-Awtorita' ddirigiet lic-Chief Executive biex jikkunsidra l-hrug ta' akkuza formali kontra l-istazzjon TVM talli dan naqas li jobdi d-direttivi ta' l-Awtorita'; taghmel rikors il-Qorti sabiex il-kawza tal-PBS kontra l-Awtorita' tinstema' b'urgenza u tohrog stqarrija ghall-istampa biex tgharraf il-pubbliku bis-sitwazzjoni (fol 57 u 58).

Meta harget l-istqarrija ghall-istampa Nru 47/02 Dok B a fol 12 inkiteb li:

*F'laqgha ta' l-Awtorita tax-Xandir illum stess l-Awtorita iddecidiet illi:*

*a) tipprezenta ghada stess rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex il-kawza li istitwit il-PBS Ltd kontra l-Awtorit'a tax Xandir dwar ir-rimedju li l-istess Awtorita' ordnat favur il-Partit Laburista tinstema' b'urgenza;*

*b) li c-Chief Executive ta' l-Awtorita' tax-Xandir johrog akkuza fil-konfront ta' PBS Ltd halli l-istazzjoni iwiegeb ghal ksur ta' direttiva ta' l-Awtorita'.*

Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-istqarrija tindika li l-Awtorita' konvenuta kienet diga ddecidiet hi stess *to prosecute* u mbaghad wara ggudikat il-kaz u sabet lis-socjeta' attrici hatja.

Ic-Chief Executive ta' l-Awtorita' tax-Xandir Dr. Kevin Aquilina fit-trattazzjoni tieghu ssotometta li l-Press Release kien kitibha hu u assuma r-responsabilita' taghha, u qal li ma kinitx miktuba b'mod felici, u ma kinitx tirrifletti d-decizjoni ta' l-Awtorita' u tal-minuti. F'dak il-perjodu kienu ghaddejjin minn perjodu ta' pressjoni u allura ma kienx irrifletta sew fuq dak li kiteb.

Illi minn ezami ta' l-artikolu 41 ta' l-Att dwar ix-Xandir u l-Avviz Legali 162 tal 2000 jirrizulta li huwa l-Kap Esekuttiv johrog l-akkuzi u hi l-Awtorita' tax-Xandir li ghandha s-setgha li tiddeciedi dwar reat amministrattivi.

Illi mill-minuti li gew ezibiti jirrizulta li dak l-gara dak in-nhar kien li giet diskussa l-kwistjoni li kienet inqalghet dwar l-ispots tal-Partit Laburista u d-decizjoni tas-socjeta' attrici li ma xxandarx l-ispots imsemmija, u l-Awtorita' zammet diskuzzjoni fuqha u kienet ikkostatat li kien hemm ksur ta' l-ordni ta' l-Awtorita' mis-socjeta' attrici u ghalhekk iddiregiet lic-Chief Executive taghha biex jikkunsidra l-hrug ta' akkuza formali kontra l-istazzjon TVM talli naqas li jobdi din id-direttiva ta' l-Awtorita'. Billi Dr. Kevin Aquilina deherlu li kien hemm ksur ovvju tad-direttiva tal-Awtorita' kif irrizulta mid-diskuzzjoni li saret hu hareg l-akkuza kif kien awtorizzat li jaghmel bil-ligi.

Minn dawn il-minuti ghalhekk ma jirrizultax li l-Awtorita' kienet iddecidiet il-kaz qabel ma taght l-opportunita lis-socjeta' attrici li tiddefendi ruhha. L-Awtorita' qatt ma ppronunzjat ruhha dwar il-htija o meno tas-socjeta' attrici qabel ma nharget l-akkuza. Inoltre jirrizulta li meta l-akkuza harget is-socjeta' attrici giet mistiedna tattendi ghas-seduta biex tipprezenta d-difiza taghha mill-akkuza migjuba kontriha (fol 68)…..Is-socjeta' attrici kienet fil-fatt attendiet, ghamlet is-sottomissjonijiet taghha bhala difiza taghha kontra l-akkuza migjuba (ara minuti tal-laqgha tad-29 ta' Gunju 2002 a fol 60 et seq para 2:07 sa 2:15). Illi l-ahjar prova dwar x'kienet id-decizjoni ta' Awtorita' tax-Xandir hija fil-minuti u mhux fl-istqarrija li hareg il-Kap Ezekuttiv.

Illi kif qalet il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Piersack fejn kien hemm kontestazzjoni li gudikant ma kienx indipendenti u imparzjali li , “*The mere fact that a judge has been involved in decisions on remand is not sufficient to render him lacking in objective impartiality, special features being required beyond the judge’s knowledge of the case file, the fact that he has looked at questions of risk on remand decisions or assessments of the existence of a prima facie case. It is necessary for the judge to to have been squarely involved in deciding issues relevant to those in the trial or to have been involved in a prosecution capacity*. Fil-kaz in ezami l-Awtorita’ ma kinitx ippronunzjat ruhha dwar il-htija tas-socjeta’ attrici qabel inharget l-akkuza.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-Awtorita’ konvenuta ma vvjolat ebda drittijiet tas-socjeta’ attrici.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------